MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-30 ta' April, 2010

Appell Kriminali Numru. 373/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Elton Taliana)**
**Vs**
**Noel Jason Cost Chretien**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-5 ta' Dicembru, 2008, ghall-habta tas-2.30 a.m. u/jew fil-granet ta' qabel bhala l-persuna li f'ismek ghandu l-licenzja tal-hanut "Old Smuggler's Bar" li jinsab fi Triq il-Kbira, Balzan, b'diversi atti maghmulin minnu b'rizoluzzjoni wahda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi :

1. haddem jew gieghel jew halla lil min ihaddem load speaker, gramafor, amplifikatur jew strument bhal dawn, ghamel inkella gieghel jew halla li jsiru hsejjes daqshekk qawwija li dejqu lid-detentur jew lin-nies li joqghodu f'bini fil-qrib;

2. bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor;
3. gieghel jew ippermetta li l-imsemmi stabbiliment jibqa miftuh wara s-1.00 a.m. u b'hekk kiser wahda mill-kundizzjonijiet tal-licenzja tieghu;
4. ippermetta muzika amplifikata li tindaqq wara l-11.00 p.m. fl-imsemmi post kummercjali meta ma kellux licenzja ghad-daqq ta' muzika amplifikata f'dak il-post.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 t'Ottubru, 2009, li biha, peress li l-akkuzi migjuba fil-konfronti tal-appellat ma rrizultawx pruvati sal-grad rikjest mill-Ligi, lliberat lill-appellat mill-istess akkuzi.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-26 t'Ottubru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza w minflok issib lill-appellat hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti ghaddiet ghad-decizjoni taghha minghajr ma halliet lill-Pulizija tipproduci b'appogg ghall-akkuzi, prova indispensabbli u ammissibbli skond il-ligi peress li l-Qorti iddecidiet il-kaz fin-nuqqas tax-xiehda tar-rapprezentant ta' l-MTA.

Ikkunsidrat :

Illi dan l-appell qed jigi ntavolat mill-Avukat Generali wara l-ilment li l-Ewwel Qorti ma hallitx xhud principali tal-prosekuzzjoni illi tixhed fil-proceduri kontra l-appellat Noel Jason Cost Chretien.

Irrizulta mill-provi illi l-Ewwel smiegh tal-kawza kien fil-25 ta' Marzu 2009, fejn l-imputat ma deherx nonostante li kien notifikat biex jidher.

Fit-tieni seduta dik tas-27 ta' Mejju, 2009, deher l-appellat u nstemghu xi provi.

Il-prosekuzzjoni talbet differiment biex jixhed ir-rapprezentant tal-MTA.

Il-Qorti laqghet it-talba w ddiferiet il-kawza ghal dan l-iskop.

Fit-13 t'Ottubru, 2009 l-kawza ssejhet, izda r-rapprezentant tal-MTA Josephine Montebello minkejja li kienet notifikata biex tidher ma deheritx u l-Qorti ghaddiet biex tillibera lill-appellat fuq nuqqas ta' provi mill-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Ma rrizultax illi kien hemm xi rinunzja da parti tal-prosekuzzjoni ghas-smiegh tax-xiehda ta' Josephine Montebello li kellha taghti xhieda dwar il-licenzja tal-hanut illi tieghu huwa responsabbli l-appellat.

Fid-dawl tas-suespost jirrizulta li l-prosekuzzjoni marret preparata biex tipprosegwixxi l-kawza fis-seduta tat-13 t'Ottubru, 2009 fejn harrket lil Josephine Montebello. Ma tqajjem l-ebda ostakolu ghal din it-tahrika w ma kienx tort tal-prosekuzzjoni illi Josephine Montebello ma dehritx dak inhar tal-kawza. Hu evidenti li Montebello kellha tkun xhud indispensabbli peress illi kellha tixhed dwar il-licenzja tal-hanut, liema licenzja tirregola l-hinijiet tal-ftuh u l-gheluq u meta w kif kellha tindaqq il-muzika mill-fond fejn allura kien jinpingi direttament fuq l-akkuza.

Ikkunsidrat :

Fil-waqt illi din il-Qorti tissimpatizza mas-sitwazzjoni li l-Qorti tal-Magistrati tista' xi mdaqqiet tinsab fiha, cioe' li ma tkunx tista' tipprocedi biex tisma' kawza, ghax xhud jew xhieda ma jidhrux, dan ma jiggustifikax lil dik il-Qorti li tippriva l-prosekuzzjoni minn prova indispensabbli darba l-

prosekuzzjoni tkun ghamlet ix-xoghol taghha w taqbad u tghaddi ghas-sentenza. Ladarba rrizulta illi ma kienx tort tal-prosekuzzjoni illi x-xhud indispensabbli ma deherx f'dan il-kaz, l-Qorti ma kellhix alternattiva hlief illi tiddiferixxi l-kawza ghal darb'ohra.

Hawnhekk din il-Qorti taghmel referenza ghal kawza "Il-Pulizija vs Saviour Farrugia" deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Lulju, 1994, fejn il-Qorti qalet "meta xhud, debitament notifikat kif jirrizulta mir-riferta, ma jidhirx biex jixhed quddiem il-Qorti Inferjuri, dik il-Qorti ghandha, sakemm il-prosekuzzjoni ma tkunx irrinunzjat ghal dak ix-xhud, u kemm il-darba dak ix-xhud ikun indispensabbli ghal kaz tal-prosekuzzjoni, tiddiferixxi l-kawza ghal data ohra w tipprocedi kontra x-xhud kif ipprovdut fl-artikolu 441(4) tal-Kodici Kriminali."

Minn dan jirrizulta kwindi illi meta tavvera ruhha din is-sitwazzjoni w cioe' xhud debitament notifikat, nuqqas ta' rinunzja da parti ta' min ikun talab in-notifika w kemm il-darba x-xhud ikun indispensabbli ghall-kaz, allura l-Qorti tal-Magistrati ghandha tiddiferixxi l-kawza ghal data ohra w tipprocedi kontra x-xhud skond il-ligi. Ghalhekk l-Ewwel Qorti ma setghetx tinjora t-talba tal-prosekuzzjoni ladarba dawn l-elementi kienu kollha f'posthom u taqbad u tiddeciedi l-kawza fin-nuqqas tax-xhud bi pregudizzju ghal prosekuzzjoni.

Din il-Qorti ghalhekk tilqa' l-appell tal-Avukat Generali u sabiex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-doppju ezami sejra tirrevoka s-sentenza appellata w tibghat l-atti lura lill-Ewwel Qorti sabiex din tisma' l-provi w tiddeciedi l-kawza skond il-ligi.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-appell tal-Avukat Generali, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w tibghat l-atti lura lill-Ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni w decizjoni skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------